MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2001

Avvi$Z Numru. 1495/2000/1

Avviz Nru: 1495/00

Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga Guardian Royal Exchange, PLC kif surrogati bil-ligi bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Josianne Attard u f'isimha proprju.

Vs

Sabrina Seguna

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' seba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm731.52) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura AAE-276 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Josianne Attard u dan b'rizultat ta'

habta li grat fit-2 ta' April 2000 go San Pawl il-Bahar, il-Mizieb, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura DBA 413 habtet mal-vettura AAE 276 proprieta' ta' Josianne Attard u misjuqa minn John Attard u ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Awissu, 2000, u bl-imghax tat-8% fuq seba' mija wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm731.52c) mill-4 ta' Awissu 2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Fogg Insurance Agencies Limited assiguraturi tal-konvenut.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi fil-kwalita' taghhom premessa is-somma mitluba ta' seba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm731.52) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------